# Il-Ħadd 05.12.2021

1. Illum 5/12, **it-Tieni Ħadd tal-Avvent**:
   - Infakkar li fejn il-bieb tal-knisja, għandna għall-bejgħ ponsjetti u biljetti ta' lotterija. Dan b'risq il-manutensjoni u l-proġetti prinċipali tal-knisja.

2. L-Erbgħa 8/12, **Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni**:
   - Tajjeb li nieħdu sehem fil-quddiesa, li tkun fl-istess ħinijiet ta' matul il-ġimgħa.

3. Il-Ħadd 12/12: **it-Tielet Ħadd tal-Avvent:**
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

4. Avviżi oħra:
   - Ta' min jieħu ħsieb jersaq għas-sagrament tal-Qrar, speċjalment matul dan iż-żmien tal-Avvent. Għalhekk bħala saċerdoti nfakkrukom li aħna disponibbli kull meta jintalab personalment, b'mod speċjali qabel il-Quddies. Biss ser niddedikaw ukoll xi ħin fiss għalhekk:
     - Nhar ta' Ħamis - PM - bejn is-5:45pm u 6:20pm:- Fr Tony
     - Nhar ta' Ġimgħa - AM - bejn is-6:45am u 7:20am:- Fr Ivan.
     - Nhar ta' Sibt - PM - bejn is-5:45pm u 6:20pm:- Kappillan.
   - Infakkar li matul dan ix-xahar għandna qfief biex inġibu affarijiet li wara jingħataw bħala għajnuna lill-persuni fil-bżonn u istituti. Tajjeb li ma noqgħodux lura milli nuru ġenerożità mal-proxxmu tagħna f'dan iż-żminijiet.
   - Jekk hawn xi persuni li għadhom kif ggradwaw mill-Università, mill-MCAST, mill-ITS, jew minn xi entità edukattiva oħra, mitluba javviċinaw lill-Kappillan minħabba li qed tiġi maħsuba attività għalihom.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 125 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda;
   - € 20 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**, **illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.